MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2015

Numru. 440/2010

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Yousef Essesi, ta’ 18-il sena, bin il-mejjet Abdussalam u Bernardette nee’ Pirotta, imwieled Pieta’ fit-02 ta’Ottubru 1991, residenti gewwa l-fond numru 57A, Triq il-Lunzjata, Sliema u detentur tal-karta ta’ l-identita’ Maltija numru 509491(M).

Akkuzat talli b’diversi atti maghmula minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b’rizuluzzjoni wahda, u dan bi ksur ta’ l-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli nhar il-21 t’April 2010 ghall-habta tat-tmienja u nofs ta’ fil-ghaxija, gewwa l-Gzira:

- Assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni f’Malta bil-ghan li jaghmel delitt li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija, u liema delitt ma jaqax taht l-Att dwar l-istampa u dan bi ksur ta’ l-artikolu 48A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

- Akkuzat ukoll illi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ James Stewart Murray-Curtis f’periklu car, ikkaguna offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ l-istess James Stewart Murray-Curtis u dan skond kif iccertifika Dr. Paul Scarrow M.D. mill-Isptar Mater Dei u dan ai termini ta’ l-artikoli 214 u 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

- Akkuzat ukoll talli bil-hsieb li jaghmel delitt, were dan il-hsieb b’atti esterni, billi dolozament bil-hsieb li jikkommetti serq ta’ basket ghad-detriment ta’ James Stewart Murray-Curtis, ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema tentattiv ta’ serq ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu, u dan ai terminu ta’ l-artikolu 41(a), 262(1)(a) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

- Akkuzat ukoll illi gab ruhu b’mod li ta fastidju lil persuni u cioe’ lil James Stewart Murray-Curtis u lil Trisha Mercieca u b’mod li kien jaf jew kien imissu jkun jaf illi dan kien ta fastidju ghal dawn il-persuni u dan bi ksur ta’ l-artikolu 251A(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

- Akkuzat aktar illi bl-imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor u cioe’ lil James Stewart Murray-Curtis u lil Trisha Mercieca, biza’ li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta taghhom u aktar liema fastidju jinkludi qtajja’ jew billi dejjaq lil diversi persuni u dan bi ksur ta’ l-artikolu 251B(1) u 251C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

- Akkuzat ukoll illi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-paci pubblika b’ghajjat u glied u dan bi ksur ta’ l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Akkuzat aktar talli nhar is-26 ta’ April, 2010 ghall-habta ta’ l-ghaxra u nofs ta’ filghaxija fi Triq it-Torri, Sliema:

- Assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni f'Malta bil-ghan li jaghmel delitt li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija u liema delitt ma jaqghax taht l-Att dwar l-Istampa u dan bi ksur ta' l-artikolu 48A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Akkuzat wkoll illi gab ruhu b'mod li ta fastidju lil persuni ohra u b'mod li kien jaf jew kien imissu jkun jaf illi dan kien ta fastidju ghal dawn il-persunu u dan bi ksur ta' l-artikolu 251A(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Akkuzat aktar illi bl-imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor biza' li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta taghhom u aktar liema fastidju jinkludi qtajja jew billi dejjaq lil diversi persuni u dan bi ksur ta' l-artikolu 251B(1) u 251C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Akkuzat ukoll illi volontarjememt kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur ta' l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Akkuzat ukoll illi ghamel ingurja u theddid lil persuni jew jekk kien ipprovokat ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur ta' l-artikolu 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat aktar talli nhar is-27 ta'April 2010 bejn it-8:00 u id-09:00 ta' filghaxija fi Triq ix-Xatt, il-Gzira kkometta serq ta' telefon cellulari ta' l-ghamla Samsung u dan ghad-detriment ta' Kristiyan Slavchev Dakov, liema serq huwa ikkwalifikat bil-hin u dan bi ksur ta' l-artikolu 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat talli nhar it-30 ta' April 2010 u fil-granet u x-xhur ta' qabel, f'dawn il-gzejjer ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht l-eta u cioe Omissis u dan bi ksur ta'l-artikolu 204C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat aktar talli nhar l-20 ta' April, 2014 f'xi hin wara nofs inhar, f'dawn il-Gzejjer u cioe' gewwa tas-Sliema:

- Bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti is-setghat lil-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekkwestra lil Omissis u dan bi ksur ta’ l-artikoli 86, 87(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

- Akkuzat ukoll illi kkaguna offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Omissis u dan skond kif iccertifika Dr. Aldo Fiorini M.D fic-Centru tas-Sahha ta’ Rahal il-Gdid u dan ai termini ta’ l-artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Akkuzat ukol illi nhar is-Sibt l-1 ta’ Mejju, 2010, bein id-disgha ta’ filghaxija u nofs il-lejl neqsin ghoxrin, u fil-granet ta’ qabel, kiser il-liberta provizorja billi naqas milli jhares kundizzjoni li giet imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta, Magt. Dr.A. Mizzi LL.D, fid-digriet tieghu datata 15 ta’ Dicembru, 2009 li bih l-imputat kellu jirrinkaza ruhu gewwa l-abitazzjoni tieghu bejn id-disgha ta’ filghaxija u s-sitta’ ta’ l-ghada filghodu; ghaldaqstant, il-Qorti, giet mitluba sabiex tirrevoka l-helsien mill-arrest ta’ l-imputat, tarresta mill-gdid lill-imputat kif ukoll tirrevoka l-garanzija personali li fuqu kien inghata l-helsien mill-arrest.

Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li gie misjub hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Akkuzat ukoll li kiser it-termini tas-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Appell moghtija fil-15 ta’ Ottubru, 2010, liema sentenza hija definittiva u ma tistghax tinbidel.

Akkuzat talli nhar il-21 ta' April, 2010, ghall-habta tat-8.30 p.m., f'dawn il-Gzejjer u cioe' gewwa l-Gzira, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe' li jikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta' James Stewart Murray Curtis, wera' dan il-hsieb

b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu, u dan ai termini tal-artikoli 4(1)(a), 214 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli nhar is-27 ta' April, 2010, u/jew wara din id-data, f'dawn il-Gzejjer xjentament, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa u cioe' telefon cellulari ta' l-ghamla Samsung, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reati jew xjentament, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, ghad-detriment ta' Kristiyan Slavchev Dokav, u dan ai termini tal-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilu, liema sentenza saret defenittiva u ma tistghax tigi mibdula.

U finalment talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu skond il-provedimenti ta' l-artikoli 7 u 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta fi zminijiet differenti.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali permezz ta’ liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhal Qorti ta’Gudikatura Kriminali kif mahsub f’l-artikoli:

1. 48A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. 214, 215 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. 41(1)(a), 284, 285, 286 u 287 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4. 251A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
5. 251B u 251C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
6. 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
7. 48A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
8. 251A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
9. 251B u 251C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
10. 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
11. 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

12. 261(f), 270 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
13. 204C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
14. 86, 87(1)(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
15. 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
16. 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
17. 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
18. 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
19. 41(1)(a), 214, 215 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
20. 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
21. 7, 21 u 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;
22. 17, 31 u 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u
23. 383, 384, 385, 386, 387 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi dawn il-proceduri huma relatati ma’ diversi episodji li sehhew fuq medda ta’ gimghatejn bejn l-20 ta’ April 2010 u l-1 ta’ Mejju 2010.

Illi peremzz ta’ l-imputazzjonijiet numru:

- wiehed (1), tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4), hamsa (5), sitta (6) u dsatax (19) l-imputat qed jigi addebietat b’diversi reati li jirrigwardaw incident li sehh nhar il-21 ta’ April 2010 ghall-habta tat-8.30pm u li fih allegatament sfaw vittmi certu James Stuart Murray Curtis u Trisha Mercieca;
- sebgha (7), tmienja (8), disgha (9), ghaxra (10) u hdax (11) qed jigi addebietat b’diversi reati li jirrigwardaw incident li sehh nhar is-26 ta’

April 2010 ghall-habta ta’ l-10.30pm li fih allegatament sfaw vittmi xi studenti ta’ nazzjonalita Taljana;

- tnax (12) u ghoxrin (20) qed jigi addebietat bir-reat ta’ serq u/jew ricettazzjoni liema reat allegatament sehh fis-27 ta’ April 2010 ghall-habta tat-8.00pm/9.00pm a detriment ta’ certu Kristyan Slavchev;
- tlettax (13) qed jigi akkuzat li fil-perjodu ta’ qabel fi-30 ta’ April 2010 ippartecipa f’atti sesswali ma persuna minorenni u cioe Omissis;
- erbatax (14) u hmistax (15) qed jigi addebietat b’ reati li jirrigwardaw incident li sehh f’l-20 ta’ April 2010 wara nofs in-nhar u li fih allegatament sfat vittma l-istess Omissis;
- sittax (16) qed jigi akkuzat li kiser kundizzjonijiet imposti ma’l-ghoti tal-helsien mil-arrest b’degriet datat 15 ta’ Dicembru 2009;

Illi l-imputazzjonijiet l-ohra[1] huma konsegwenzjali ghas-sejbin ta’ htija f’xi wahda jew aktar mill-imputazzjonijiet hawn fuq indikati; dawn l-imputazzjonijiet l-ohra huma dwar recidiva, ksur ta’ sentenza sospieza, u ksur ta’ probation u liberta kondizzjonata.

Ikkunisdrat

Illi kif inghad l-ewwel sensiela ta’ imputazzjonijiet jkkoncernaw incident li sehh nhar il-21 ta’ April 2010.

Illi dak in-nhar, ftit wara it-8.00pm, James Stuart Murray Curtis (li kien ghadu kif spicca xoghol) kien flimkien mat-tfajla tieghu Trisha Mercieca miexjin fi Triq ix-Xatt Gzira sejjrin fid-direzzjoni tal-marina fejn kellu l-karozza tieghu ipparkjata. Curtis jispjega[2] li hekk kif hu u Mercieca kienu waslu hdejn il-bandli waqqfuhom grupp ta’ zaghzagh li saqsewhom il-hin. Curtis qallhom li ma kienx jaf il-hin ghax ma kellux arlogg; huma baqghu jinsistu li kellu jghidilhom il-hin u hu baqa jinsisti li ma setghax ghax ma kellux arlogg, meta f’daqqa wahda tawh daqqa ta’ ponn f’wiccu. Bid-daqqa Curtis dar u xi hadd imbottah; hu kellu l-basket tax-xoghol li kien tqil u spicca biex waqa’ ma’l-art. Hekk kif kien ma’l-art

[1] U cioe dawk numru sbatax (17), tmintax (18), wiehed u ghoxrin (21), u tnejn u ghoxrin (22).
[2] Huwa gie imsejjah biex jixhed darbtejn: fit-12 ta’ Mejju 2010 (depozizzjozni a fol 26) u fis-16 ta’ Lulju 2012 (depozizzjoni a fol 189).

dawn iz-zaghzagh bdew jaghtuh daqqiet ta' sieq; wiehed minnhom prova johodlu l-basket u dan l-istess persuna tah daqqa ta' sieq f'wiccu lil Curtis li baqa' jzomm il-basket minhabba li fih kellu affarijiet tax-xoghol; dak iz-zaghzugh ma rnexxielux jiehu l-basket. Curtis identifika lil din il-persuna bhala l-imputat. Waqt li kien qed jigri dan kollu Mercieca bdiet tghajjat u tghidilhom biex ihalluh lil Curtis u li kien ghamel operazzjoni. Ghal dan id-diskors taghha z-zaghzagh bdew jghidu li messhom fethuh, qattawh u hallewh hemm, u mbaghad imbottaw lil Mercieca ukoll. Malli dan il-grupp ta' zaghzagh (li skond Curtis kienu aktar minn hamsa pero anqas minn ghaxra) hallewhom, huma cemplu lil pulizija li waslu fi ftit hin fuq il-post u haduhom l-isptar. Curtis specifika ukoll li l-affarijiet li kellu fil-basket, li kienu mobile phone, hard disk u xi apparat iehor, kellhom valur ta' aktar minn erbgha mija u hamsin Euro. L-isptar Curtis gie invistat minn tabib[3] u gie certifikat li kellu bdengil u xi lacerazzjonijiet li gew klassifikati ta' natura hafifa[4].

Illi Trisha Mercieca xehdet ukoll; hija fil-maggor parti tad-depozizzjoni taghha tikkonferma l-verzjoni mghotija minn Curtis u kkonfermat ukoll li minn dawn iz-zaghzagh, li skond il-verzjoni taghha kienu xi ghaxra, kien l-imputat li prova jiehu l-basket ta' Curtis u li tah daqqa ta' sieq fuq wiccu. Mercieca qalet ukoll li ma setghetx tidentifika l-persuna li mbuttat lilha.

Illi dwar dan l-incident xehedu ukoll l-pulizija li marru fuq il-post: PS 215 Valerie Omissis u PS1354 Claudio Redent Coppola; huma taw l-ewwel assistenza lil Curtis. Il-verzjonijiet li taw Curtis u Mercieca lill-pulizija hija kwazi identika ghal dik mghotija fid-depozizzjoni taghhom quddiem din il-Qorti[5].

Illi ghandu jigi rilevat li l-imputat irrilaxxja stqarrija meta eventwalment gie investigat mill-ufficjal prosekutur dwar il-kaz[6]. Huwa jammetti li dan l-incident sehh u li hu kien involut flimkien ma' shabu. Skond ma jghid f'l-istqarrija tieghu

[3] Dr Paul Sparrow, li tressaq bhala xhud u ta d-depozizzjoni tieghu a fol 182.
[4] Ic-certifikat huwa esebiet bhala Dok 2 a fol 23.
[5] L-okkorrenza relattiva hija esebieta bhala Dok 9 a fol 154 u anke bhala Dok 14 a fol 197.
[6] L-istqarrija hija esebieta bhala Dok 1 a fol 18.

hu u shabu kienu l-bandli fil-gnien u qallhom li kellu bzonn mobile ghax it-tfjala kienet remitulu l-bahar; wiehed minn shabu, jismu Colin, qallu li l-ewwel persuna li tghaddi kien ser jifqalu sninu. F'xi hin ghaddew Curtis u Mercieca u dan Colin saqsa il-hin u meta Curtis qallhom li m'ghandux arlogg Colin tah daqqa ta' ponn, bid-daqqa Curtis waqa ma'l-art u shabu l-ohra (li hu identifika bil-laqam: c-China u l-Bahri) flimkien ma' Colin qabdu jaghtuh. L-imputat jammetti li hu dahal f'nofshom u qabad lil Curtis minn idu u mill-basket u imbuttah. L-imputat jinnegga li huwa prova jiehu l-basket.

Illi ghalkemm il-Qorti ma kellha l-ebda dubbju dwar il-verzjoni mghotija minn Curtis u Mercieca u l-veracita taghha, dak li qalu huwa korroborat kwazi f'l-intier tieghu mill-imputat innfisu. L-unika haga li ma jammettiex l-imputat hija li ta daqqa ta' sieq lil Curtis f'wiccu meta kien ma'l-art u li huwa prova johodlu l-basket.

Illi dwar dan l-incident, u ai termini tac-citazzjoni, l-imputat gie addebietat b'diversi reati:

- L-assocjazzjoni --- l-ewwel imputazzjoni;
- Griehi hfif fuq il-persuna ta' James Stuart Curtis --- it-tieni imputazzjoni;
- Attentat ta' serq aggravat bil-vjolenza u l-valur ghad-dannu ta' James Stuart Curtis --- it-tielet imputazzjoni;
- Fastidju lil Curtis u Mercieca --- ir-raba imputazzjoni;
- Li kkawza lil Curtis u Mercieca biza' li ser tintuza vjolenza kontra taghhom --- il-hames imputazzjoni;
- Ksur tal-paci pubblika --- is-sitt imputazzjoni; u
- Attentat ta' ferita gravissima fuq il-persuna ta' Curtis --- id-dsatax il-imputazzjoni.

Illi ghandu jigi rilevat li hemm xi diskrepanzi bejn ir-reati li gie addebietat bihom l-imputat ai termini tac-citazzjoni u dawk ir-reati li jirrizultaw mill-artikoli elenkati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinvji ghal gudizzju.

Illi fir-rigward tat-tielet imputazzjoni l-Avukat Generali kwota l-artikoli 41(1)(a), 284, 285, 286 u 287 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Ghalhekk permezz tan-nota ta’ rinviju ghal gudizzju l-imputat qed jigi addebietat b’attentat ta’ serq semplici (l-artikoli 41(1)(a), 284, 285 u 286) u b’ pussess mhux gustifikat ta’ flus u oġġetti minn persuna ga kkundannata ghal serq jew ghal ricettazzjoni (l-artikolu 287). Fic-citazzjoni, pero, fil-waqt li gie addebietat b’attentat ta’ serq aggravat bil-vjolenza u l-valur (cioe reat aktar gravi minn dak indikat mill-Avukat Generali li huwa attentat ta’ serq semplici), ma giex addebietat bir-reat prospettat f’l-artikolu 287 fuq imsemmi.

Illi fir-rigward tad-dsatax il-imputazzjoni l-Avukat Geneali kwota l-artikoli 41(1)(a), 214, 215 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, cioe attentat ta’ ferita hafifa meta fic-citazzjoni l-imputat gie addebietat b’attentat ta’ ferita gravissima.

Illi konformament mal-principji regolaturi in tema l-Qorti tista’ tiehu biss konjizzjoni ta’ dawk ir-reati li jirrizultaw mill-artikoli elenkati fin-nota ta’ rinviju ghal gudizzju ta’l-Avukat Generali, u dawn dejjem jekk ikunu gew addebietati lill-imputat fic-citazzjoni ukoll. Dan ifisser li fir-rigward tat-tielet imputazzjoni tista’ tiehu biss in konsiderazzjoni r-reat ta’ attenat ta’ serq semplici u fir-rigward tad-dsatax il-imputazzjoni tista tiehu in konsiderazzjoni biss ir-reat ta’ attentat ta’ ferita hafifa.

Illi kif diga ntqal l-Qorti m’ghandha l-ebda dubbju dwar il-veracita tal-verzjoni mghotija minn Curtis u Mercieca u li l-fatti graw kif indikat minnhom. Ghalhekk hija sodisfatta li l-imputat kien qieghed ma’ grupp ta’ zaghzagh ohra li kellhom pjan[7] li jagredixxu lill-ewwel persuna li tghaddi minn hdejhom, pjan li fil-fatt wettqu meta ghall-ebda raguni aggredew lil James Stuart Curtis. Aktar minn hekk il-Qorti hija konvinta li l-partecipazzjoni ta’l-imputat kienet tmur oltre imbuttatura fil-konfront ta’ Curtis; il-Qorti fil-fatt hija konvinta li l-imputat

[7] Ammess mill-imputat f’l-istqarrija tieghu.

qabad il-basket ta' Curtis biex johodulhu u li meta Curtis kien ma'l-art hu tah daqqa ta' sieq f'wiccu.

Illi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-ewwel, it-tieni, it-tielet u s-sitt imputazzjonijiet gew sodisfacjentement pruvati, b'dan li fil-kaz tat-tielet imputazzjoni l-imputat jinstab hati biss ta' attentat ta' serq semplici. Ghar-ragunijet hawn fuq indikati l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' kull referenza ghar-reat kontemplat f'l-artikolu 287 tal-Kapitolu 9.

Illi kif diga ntqal fir-rigward tad-dsatax il-imputazzjoni l-Avukat Generali kwota l-artikoli li jirreferu ghal attentat ta' ferita hafifa mhux attentat ta' ferita gravi; dan ifisser li l-Qorti ikollha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din id-dstatax il-imputazzjoni dedotta fic-citazzjoni[8].

Illi fir-rigward tar-raba u l-hames imputazzjonijjet, cioe dawk dwar fastidju u bizgha' ta' vjolenza fil-konfront ta' Curtis u Mercieca huwa ormai ben stabbilit li biex jissussistu dawn ir-reati jrid jigi pruvat 'l hekk imsejjah "*course of conduct".* Fil-kaz in ezami jirrizulta li dak fuq deskritt huwa l-unika incident li qatt sehh bejn l-imputat min-naha u Curtis u Mercieca minn-naha l-ohra; fil-fatt ic-citazzjoni qed taddebieta lill-imputat fatti li sehhew f'gurnata, lok u hin partikolari, cioe fil-21 ta' April 2010 ghall-habta tat-8.30pm ta' fil-ghaxija. Konsegwentement dawn iz-zewg imputazzjonijiet ma jistghux jirrizultaw.

Ikkunisdrat

Illi t-tieni sensiela ta' imputazzjonijiet jikkoncernaw incident li sehh nhar is-26 ta' April 2010 ghall-habta ta' l-10.30pm fi Triq it-Torri Sliema.

[8] L-imputat qed jinstab hati tat-tieni imputazzjoni cioe r-reat ikkunsmat ta' ferita hafifa li tinkludi fiha t-tenattiv ta' dak ir-reat.

Illi mill-provi processwali jirrizulta li fil-gurnata fuq imsemmija marru tlett guvintur Taljani f'l-ghassa tal-pulizija tas-Sliema biex jirrappurtaw li grupp ta' madwar hames guvintur Maltin bdew isewguhom[9] u jinsulentawhom u jistednuhom ghall-glied. Il-kuntistabbli li hadet ir-rapport, WPC 111 Diane Falzon, prezentat l-okkorrenza relattiva[10] u kkonfermat dan kollu b'gurament.

Illi tressaq bhala xhud certu Domenic Pantalleresco, receptionist fis-Sliema Chalet Hotel. Huwa kkonferma li kien hemm grupp ta' student Taljani allogjati fil-lukanda u darba minnhom, meta rritornaw lura fil-ghaxija, qalu li kien kellhom xi clash ma grupp ta' guvintur Maltin li kienu ghadhom barra l-lukanda. Pantalleresco fil-fatt hareg u kellem lil dawn il-guvintur Maltin u qallhom biex jitilqu 'l hemm u ma jaqalawx inkwiet. Huwa pero ma kienx f'pozizzjoni li jiddeskrivi lil hadd minnhom u lanqas gharaf lill-imputat. Skond dan Pantalleresco l-istudenti l-ewwel kienu marru lejn in-naha tas-Savoy u kien hemm li beda l-argument mal-Maltin.

Illi dawn l-istudenti Taljani ma tressqux bhala xhieda ghaliex huma kienu Malta ghal zmien qasir.

Illi dan l-incident l-imputat jirreferi ghalih f'l-istqarrija tieghu. Huwa jghid li dak in-nhar huwa hareg u ltaqa' ma' shabu il-Marokk, il-Bobo, il-Bahri u xi ohrajn ix-Xatt ta' Sliema. F'xi hin ghaddew grupp ta' studenti li l-Bahri u l-Marokk identifikaw bhala xi studenti li kienu qabdu maghhom il-gurnata ta' qabel; huma (l-imputat inkluz) ftehiem li jmorru warajhom. Huma fil-fatt hekk ghamlu u mxew maghhom sal-lukanda fejn kienu qeghdin, ic-Chalet Hotel; huma (il-grupp ta' Maltin) bdew jghidu kliem hazin bil-Malti u t-Taljan. Hekk kif it-Taljani dahlu fil-lukanda hareg ir-receptionist u kellimhom.

---

[9] Ma' dawn it-tlett guvintur Taljani kien hemm ukoll zewg tfajliet.
[10] Dok DC1 a fol 268; kopja ohra ta' din l-okkorrenza kienet giet prezentata bhala Dok 11 a fol 159.

Illi dwar dan l-incident, u ai termini tac-citazzjoni, l-imputat gie addebietat b'diversi reati:

- L-assocjazzjoni --- is-sebgha imputazzjoni;
- Fastidju lil persuni --- it-tmien imputazzjoni;
- Li kkawza lil xi persuni bizgha li ser tintuza vjolenza kontra taghhom --- id-disgha imputazzjoni;
- Ksur tal-paci pubblika --- l-ghaxar imputazzjoni; u
- Ingurja u theddied fil-konfront ta' dawn il-persuni --- il-hdax il-imputazzjoni.

Illi kif intqal dawn l-istudenti Taljani ma tressqux bhala xhieda. Dan m'ghandux ifisser necessarjament li hija nieqsa provi sufficjenti tal-fatti li fuqhom huma bazati l-imputazzjonijiet issa in ezami.

Illi fis-sentenza mghotija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza Il-Pulizija vs Janis Caruana[11] dik il-Qorti, fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar in-nuqqas tad-depozizzjoni tal-persuna li kienet ghamlet rapport lill-pulizija u dwar jekk l-okkorrenza wahedha hija biss hearsay evidence tal-fatt iddenunzjat, qalet hekk:

> *.....il-hearsay rule tagħna (f'l-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk: "Il-qorti tista', **skont iċ-ċirkostanzi**, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; **inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed**, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra".*
>
> *Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 19881 qalet hekk:*

[11] Deciza 12 ta' Mejju 2012.

*"Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta' dan il-ħaddieħor. Ċertament il-kliem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi mill-konlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).*

*Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ "Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk ....: "However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case." Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni ta'l-artikolu 6.*

*Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).*

*Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.*

*Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall- Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami l-okkorrenza esebieta in atti[12] u konfermata b'gurament mill-kuntistabbli li rceviet ir-rapport, kif ukoll id-depozizzjoni ta' Domenic Pantalleresco jistghu jittiehdu bhala prova tal-fatt li nhar is-26 ta' April 2010 inqala dan l-incident bejn il-grupp li minnu kien jifforma parti l-imputat min-naha u grupp ta' studenti Taljani min-naha l-ohra.

Illi prova ohra importanti mhux biss tal-fatt li sehh l-incident imma anke ta' dak li seta' gara waqt dan l-incident hija l-istqarrija ta' l-imputat. Fiha huwa jammetti li flimkien ma' shabu ftehmu li jsegwu l-passi tat-Taljani u jammetti ukoll li ntqal kiem hazin bil-malti u anke bit-taljan.

Illi ai termini tac-citazzjoni l-imputazzjonijiet issa in ezami huma bazati fuq fatti li graw f'gurnata, lok u hin partikolari, cioe is-26 ta' April 2010 ghall-habta ta'l-10.30pm. Ghar-ragunijiet imsemmija fil-kunsiderazzjonijiet dwar ir-raba u l-hames imptazzjonijiet, it-tmien u d-disgha imputazzjonijiet, cioe dawk dwar fastidju u biza' ta' uzu ta' vjolenza, lanqas ma jistghu jirrizultaw ghaliex l-

[12] Dok DC1 a fol 268 u Dok 11 a fol 159.

imputazzjonijiet jirreferu ghal incident wiehed izolat u ghalhekk huwa eskluz il-*course of conduct*.

Illi permezz ta'l-ghaxar imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bi ksur tal-paci pubblika. Minn dak li qal l-imputat f'l-istqarrija tieghu, u cioe il-fatt li hu u shabu qaghdu jisgwu l-passi ta'l-istudenti taljani u anke qaghdu jitkellmu hazin, din l-imputazzjoni tirrizulta.

Illi permezz tal-hdax il-imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-reat prospettat f'l-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta cioe ingurja u theddied. Ghalkemm jirrizulta sodisfacjentement pruvat li ntqal xi diskors mill-imputat u shabu fil-konfront ta'l-istudenti taljani, liema diskors it-taljani kkunsidrawh bhala insolenti fil-konfront taghhom, ma jirrizultax x'kien dan id-diskors. Lanqas mill-istqarrija ta'l-imputat ma jirrizulta x'kien id-diskors ghaliex l-imputat jammetti biss li intqal "*kliem hazin*"; pero kliem hazin m'ghandux awtomatikament jitqies bhal ingurjuz jew ta' theddied. Fin-nuqqas ta' x'kien il-kliem li dwaru sar ir-rapport l-imputazzjoni issa in ezami ma tistax titqies bhala pruvata fil-grad rikjest mill-Ligi.

Illi l-ewwel imputazzjoni mis-sensiela issa in ezami[13] hija dik dwar assocjazzjoni, cioe r-reat kontemplat f'l-artikolu 48A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta' Malta. Ai termini ta' din id-dispozizzjoni jissussisti r-reat in ezami jekk xi persuni jassocjaw ruhhom b'l-ghan li jaghmlu delitt li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija. Ghalhekk il-persuni koncernati jridu jkunu qed jippjanaw li jaghmlu delitt (mhux kontravvenzjoni) li huwa punibbli bi prigunerija.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat u shabu ftehmu li jsegwu lit-Taljani pero mill-provi processwali m'hemm l-ebda indikazzjoni tar-raguni ghalfejn kienu qed isegwuhom. L-unika prova ammissibbli dwar dak li gara f'l-incident de quo hija l-istqarrija ta' l-imputat. Dan jirrakkonta li meta ltaqa' ma shabu u

[13] Is-sebgha imputazzjoni.

ghaddew l-istudenti Taljani huma ddecidew li jsegwuhom; pero ma jghidx ghalfejn iddeciedew hekk. Jidher li kull ma gara minn dak il-hin sa kemm l-istudenti waslu fil-lukanda fejn kienu alloggjati kien li intqal xi kliem li t-taljani ikkunsidrawh offensiv. Fil-fatt skond l-okkorrenza esebita bhala prova ta' dan l-incident dak li gie rappurtat lill-pulizija kien li z-zaghzagh maltin insolentaw lit-taljani u stednuhom ghall-glied. Huwa veru li l-imputat isemmi episodju iehor f'l-istqarrija tieghu li sehh ftit wara li huma telqu minn hdejn il-lukanda fejn kienu alloggjati l-istudenti, u li dan l-incident kien jikkoncerna aggressjoni fizika da parti ta' uhud minn shabu fuq persuna ohra, pero mill-istqarrija ta'l-imputat jidher li dan l-incident sehh f'mument meta hu kien inqata' minn ma' shabu u ma kellu l-ebda parti fih.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi din is-sebgha imputazzjoni ma tirrizultax.

Ikkunsidrat

Illi permezz tat-tnax u l-ghoxrin imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat b'serq aggravat bil-hin u/jew ricettazzjoni tal-mobile phone propjeta ta' certu Kristiyan Slavchev.

Illi l-imsemmi Kristiyan Slavchev jirrakkonta[14] li nhar is-27 ta' April 2010 ghal-habta tat-8.00pm huwa kien qieghed ma'l-imputat (li kien ilu jafu) hdejn il-KFC. L-imputat kien qed jisma xi muzika fuq il-mobile ta' dan Slavchev meta dan dahal ghand il-KFC biex juza t-toilet; meta mar lura l-imputat kien lahaq telaq minn fejn kien u ha l-mobile ta' Slavchev mieghu. Slavchev jghid li dik kienet l-ahhar darba li ra lill-imputat li qatt ma rritorna l-mobile. Slavchev u missieru marru l-ghassa tal-pulizija biex jaghmlu rapport dwar l-akkadut.

[14] Huwa ddepona darbtejn; darba fit-12 ta' Mejju 2010 a fol 35, u darba f'l-14 ta' Lulju 2010 a fol 51.

Illi f'l-istqarrija tieghu l-imputat jikkonferma dak kollu li qal Slavchev; anzi jzied li l-ghada huwa biegh il-mobile in ezami lil xi hadd mill-Belt ghal hamsa u sittin Euro. L-imputat pero izied jghid ukoll li hu kien ta hamsa u sebghin Euro lil Slavchev biex igieblu mobile Samsung touchscreen pero minkejja li ghaddew xi hamest ijiem Slavchev baqa' ma gablux il-mobile. Ghalhekk meta kienu qeghdin hdejn il-KFC u Slavchev halla l-mobile tieghu f'idejn l-imputat biex jisma l-muzika, l-imputat qabad u telaq bih.

Illi huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna li s-serq huwa la contractatio dolosa della cosa altrui, fatta invito domino, con animo di farne lucro.

Illi dan ifisser li biex jissussisti r-reat ta' serq il-haga trid tittiehed kontra l-volonta ta' sidha. Dwar dan l-element il-Professur Sir Anthony Mamo jghallem li:

> *Ownership of property being an inalienable right, it is manifest that the consent of the owner to the taking of the thing by an other, providing it is freely and spontaneously given, excludes the crime of theft*[15]*. .......*
>
> *...... There are, however, cases in which, exceptionally, the fact that the owner parted with the possession of the thing does not negative theft. There are when ..... the delivery is made under such circumstances as to show that the owner did not intend parting with his possession, thus if one person shows a watch to another and hands it over to him to examine and the other person runs away with the watch.*[16]

[15] Notes on Criminal Law Vol II pagna 280.
[16] Op cit pagna 282.

Illi huwa car li fil-kaz in ezami, ghalkemm Slavchev ta l-mobile phone tieghu lill-imputat, ic-cirkostanzi li fih huwa ta lill-imputat il-pussess tal-mobile phone tieghu juru li ma kellu l-ebda intenzjoni "*to part with it*". Slavchev ta l-mobile lill-imputat, li daq iz-zmien kien habib tieghu, meta kienu qeghdin flimkien biex l-imputat ikun jista jisma l-muzika fuqu sa kemm qeghdin flimkien. L-imputat pero ha l-opportunita u meta Slavchev mar it-toilet hu telaq 'l hemm u ha il-mobile ta' Slavchev mieghu; mhux hekk biss imma l-ghada huwa biegh dan l-istess mobile.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi t-tnax il-imputazzjoni tirrizulta sodisfacjentement pruvata kif dedotta.

Illi permezz ta'l-ghoxrin imputazzzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-ricettazzjoni tal-mobile phone ta' Slavchev. La darba l-imputat qed jinstab hati tas-serq ta' dak il-mobile phone il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-ghoxrin imputazzjoni.

Ikkunisdrat

Illi permezz tat-tlettax il-imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-reat kontemplat f'l-artikolu 204C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe li ppartecipa f'atti sesswali ma persuna minorenni, Omissis, u dan b'referenza ghal-fatti li graw fil-perjodu qabel it-30 ta' April 2010.

Illi kemm mid-depozizzjoni ta' Omissis kif ukoll mill-istqarrija ta' l-imputat jirrizulta ampjament li huma kienu johorgu flimkien ghal xi xhur u li f'dan il-perjodu huma kienu ppartecipaw f'atti sesswali konsenswali.

Illi mic-certifikat esebiet[17] jirrizulta li Omissis twieldet Omissis; ghalhekk fit-30 ta’ April 2010 kellha sbatax il-sena li jfisser li kienet ghada minorenni. Konsegwentement l-imputazzjoni issa in ezami tirrizulta sodisfacjentement pruvata.

Ikkunisdrat

Illi l-erbatax u l-hmistax il-imputazzjoni ukoll jikkoncernaw lil Omissis din id-darba b’referenza ghal fatti li sehhew f’l-20 ta’ April 2010 wara nofs in-nhar.

Illi Omissis tirrakkonta[18] li kellha argument ma’l-imputat u kien tefalha l-mobile il-bahar. L-ghada, nhar l-20 ta’ April 2010 Omissis kienet qeghda x-Xatt ta’ Sliema, raha l-imputat u qallha biex fil-5.00pm tmur fejn kien qed joqghod biex jaghtiha mobile iehor. Hi hekk ghamlet. Omissis tirrakkonta li meta waslet ghand l-imputat ma kien hemm hadd aktar id-dar hlifu. Hi poggiet fuq is-sufan tpejjep sigarett u l-imputat beda jghidilha biex jirrangaw, pero hi ma riditx; ghal dan il-kliem l-imputat qallha li jekk ma tirrangax mieghu ma kienx ser jaghtiha l-mobile. Meta rat hekk Omissis qamet biex titlaq pero sabet li l-bieb kien imsakkar u ma setghtex titlaq. Dak il-hin l-imputat qabadha u tefaghha fuq sufan iehor u fi kliemha “*beda jipprova*” u anke ghamlilha love bite f’ghonqha. F’xi hin l-imputat halliha lil Omissis u tela fuq ghalhekk hi pruvat titlaq, pero ma setghetx tiftah il-bieb li kien ghadu msakkar u c-cavetta ma kenitx hemm; hi bdiet tghajjat. Fi ftit hin l-imputat rega niezel u gab *dildo* mieghu. Lil Omissis nezzaghha mill-qghad ‘l isfel u beda jipprova jdahhal dan id-dildo fil-parti ta’ wara taghha. Omissis bdiet tirrezisti b’l-ahjar mod li setghet u fil-fatt l-imputat ma rnexxielux, remih ma’l-art u minflok beda jdahhal subghajh. Omissis tkompli tirrakkonta li mbaghad l-imputat qabad pakkett suffarini u beda jgarahhomlha[19]. Ftit wara giet certu wahda Zora u eventwalment certu Robert[20] u kienu permezz taghhom li Omissis rnexxielha titlaq minn hemm. L-

[17] Bhala Dok 7 a fol 146.
[18] Fid-depozizzjoni taghha a fol 85 et seq.
[19] Meta kienet qed tkellem lill-pulizija hija qalet li s-suffarini kienu mixghulha.
[20] Li maghhom kien qed jghix temporanjament l-imputat.

imputat hareg hu ukoll u lahaq lil Omissis qabel ma rnexxielha tmur ghall-karozza tal-linja u rega aggrediha u, dejjem skond Omissis, prova jivgaha. Dwar dan l-akkadut Omissis fethet qalbha ma habiba taghha; din pero l-ghada qalet lil omm Omissis li da parti taghha insistiet li jmorru jaghmlu rapport ghand il-pulizija. Omissis tammetti li eventwalment rega kellha kuntatt ma'l-imputat[21] ghax hu baqa jigri warajha u hi kienet tibza' minnu. Omissis fil-fatt qalet li spiccat ghamlet erbgha xhur l-Ingilterra hdejn missierha (li kien jghix hemm) biex tkun tista' taqta definittivament il-kuntatt ma'l-imputat.

Illi tressaq bhala xhud t-tabib li nvista lil Omissis wara dan l-incident; gie prezentat ukoll ic-certifikat li kien irrilaxxja. Mic-certifikat u d-depozizjzoni tieghu jirrizulta li Omissis kellha tbengiela man-naha ta' quddiem ta' ghonqha, tbengielha fuq idha u dabra zghira, li hu iddeskriva bhala "*forsi harqa*", fuq in-naha t'isfel ta' darha.

Illi hadd mill-persuni imsemmija minn Omissis ma tressqu bhala xhieda. Xehdu pero l-pulizija li hadu r-rapporti relattivi, cioe dak dwar meta l-imputat tefa' l-mobile ta' Omissis l-bahar[22] u dak dwar l-incident hawn fuq deskritt[23].

Illi l-imputat jirreferi ghal dan l-incident f'l-istqarrija tieghu. Fil-waqt li jammetti li fil-gurnata in ezami huwa u Omissis kienu qeghdin fid-dar fejn kien jirrisjedi dak iz-zmien, hu jghid li ppartecipaw f'attivita sesswali konsenswali u li ma kien hemm l-ebda glied fiziku bejniethom. Hu jghid li kien minnu li meta dahlet Zora sabet lil Omissis tibki imma jghid li Omissis kienet qed tibki ghax kellhom argument verbali dwar fejn kellha tmur Omissis wara li titlaq min hemm.

Illi huwa car li hawn kunflitt fil-provi fis-sens li l-istampa deskritta minn Omissis hija differenti ferm minn dik li pinga l-imputat. Minkejja dan il-kunflitt, u ghalkemm ma tressqux il-persuni l-ohra, bhal Zora u Robert, il-Qorti hija

[21] Pero fil-perjodu ta' wara l-incident qatt ma ppartecipaw f'attivita sesswali.
[22] L-okkorrenza hija esebieta bhala Dok 6 a fol 115 u anke bhala Dok 8 a fol 152.
[23] L-okkorrenza hija esebieta bhala Dok 10 a fol 157 u anke bhala Dok 15 a fol 228.

konvinta li tista' taghti kredibilita lil Omissis. Mill-okkorrenza esebieta jidher li Omissis dejjem kienet konsistenti fil-verzjoni taghha, aktar minn hekk ic-certifikat mediku u d-depozzizjoni tat-tabib li nvistaha jikkorroboraw in parti dak li hija allegat; fil-fatt it-tbengiel li gie riskontrat huwa kompatibbli mat-taqbida deskritta minn Omissis u gie notat ukoll li d-dabra, li setghet tkun harqa, kienet fil-post fejn Omissis qalet li l-imputat kien qed jitfalha s-suffarini.

Illi in konnessjoni ma' dan l-incident l-imputat qed jigi addebietat b'zewg imputazzjonijiet: is-sekwestru ta' Omissis ai termini ta'l-artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'l-aggravju predispost f'l-artikolu 87(1)(g) ta'l-isptess Kapitolu 9 (l-erbatax il-imputazzjoni); u griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' l-istess Omissis (il-hmistax il-imputazzjoni).

Illi kif diga ntqal il-Qorti hija konvinta li tista' taghti kredibilita lil Omissis fil-verzjoni taghha; ghalhekk il-Qorti hija konvinta li nhar l-20 ta' April 2010 l-imputat zamm lil Omissis kontra l-volonta taghha fil-fond fejn kien qed jirrisjedi. Il-Qorti hija konvinta ukoll li l-imputat ghamel hekk biex ikun jista'jaghmel dawk l-atti sesswali deskritti minn Omissis. Il-Qorti hija konvinta ukoll li l-imputat uza forza fizika biex jipprova jzomm lil Omissis u b'hekk huwa kkawzalha l-griehi riskontrati mit-tabib.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li z-zewg imputazzjonijiet issa in ezami gew pruvati fil-grad rikjest mill-Ligi.

Ikkunisdrat

Illi permezz tas-sittax il-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li kiser kundizzjoni imposta ma'l-ghoti tal-helsien mill-arrest f'degriet datat 15 ta' Dicembru 2009. B'mod partikolari l-imputat qed jigi akkuzat li huwa kiser kundizjoni dwar rinkazar.

Illi skond id-degriet mghoti fil-15 ta' Dicembru 2009[24] l-imputat kien obbligat lil jirrinkaza fid-disgha ta' fil-ghaxija u ma johrogx mid-dar qabel is-sitta ta' fil-ghodu. Il-prosekuzzjoni qed tallega li nhar l-1 ta' Mejju 2010 ghall-habta tal-hdax ta' fil-ghaxija l-imputat ma kienx id-dar.

Illi l-imputat mhux qed jikkontesta dan il-fatt; huwa pero jghid[25] li dak inhar wara nofs in-nhar mar in-Numero Uno, qala' xebgha u storda, qaghad ftit f'l-ambulanza, dahal lura jgieb il-kartiera u t-ticket u mbaghad mar id-dar. Fuq mistoqsija ohra ta'l-ufficjal prosekutur l-imputat qal li huwa wasal tard id-dar ghaliex dam tlett sieghat f'l-ambulanza. Din l-asserzjoni pero m'ghandhiex mill-verosimili. Il-Qorti difficilment temmen li l-imputat kien tant stordut li kellu bzonn jibqa tlett sieghat f'l-ambulanza pero ma ttiehidx l-isptar. Fil-fehma tal-Qorti din hija semplici skuza li ma tistax tinghata kredibilita.

Illi ghalhekk jirrizulta li l-imputat kiser kundizzjoni imposta fuqu permezz tad-degriet fuq imsemmi billi ma rrinkazax fil-hin lilu ordnat; konsegwentement din l-imputazzjoni tirrizulta sodisfacjentement pruvata.

Ikkunsidrat

Illi permezz tas-sbatax il-imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-recidiva. Permezz tat-tmintax u l-wiehed u ghoxrin imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li kkommetta reat waqt il-perjodu operativ ta' sentenza sospieza[26]. Permezz tat-tnejn u ghoxrin imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li kkommetta reat waqt perjodu ta' probation u liberta kondizzjonata.

[24] Li kopja awtentikata tieghu hija esebiat bhala Dok JM a fol 11.
[25] F'l-istqarrija tieghu
[26] Ghandu jigi rileavt li fil-waqt li fit-tmintax il-imputazzjoni c-citazzjoni tirreferi b'mod partikolari ghas-sentenza sospieza datata 15 ta' Ottubru 2010, fil-wiehed u ghoxrin imputazzjoni c-citazzjoni ma tirreferiex ghal xi sentenza sospieza partikolari.

Illi in sostenn ta' dawn l-imputazzjonijiet gew prezentati zewg sentenzi: wahda datata 15 ta' Ottubru 2009[27] u l-ohra datat 17 ta' Dicembru 2009[28].

Illi l-ewwel sentenza imsemmija hija mghotija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali u permezz taghha, wara li nstab hati ta' serq, l-imputat gie ikkundannat disgha xhur prigunerija sospiezi ghal perjodu ta' erbgha snin. It-tieni sentenza nghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u permezz taghha, wara li nstab hati ta' diversi istanzi ta' serq u hsara volontarja tpogga taht probation ghal perjodu ta' tlett snin.

Illi r-reati li taghhom qed jinstab hati llum l-imputat gew kommessi f'April 2010 ghalhekk entro l-erbgha snin tal-perjodu operativ tas-sentenza sospieza u entro t-tlett snin tal-perjodu ta'probation hawn fuq imsemmija.

Illi kif diga ntqal permezz tat-tmintax il-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li huwa ikkommetta reat fil-perjodu operativ ta' sentenza sospiza mghotija fil-15 ta' Ottubru 2010. Huwa  car li din id-data hija zbaljata pero, f''nuqqas ta' korrezzjoni mitluba mill-prosekuzzjoni, il-Qorti ghandha bil-fors tippronunzja ruhha fuq l-imputazzjoni kif dedotta. U kif dedotta din l-imputazzjoni ma tistax tirrizulta ghaliex kwalunkwe sentenza li setghet inghatat fil-konfront ta'l-imputat dak in-nhar (15 ta' Ottubru 2010) ma jista' jkollha l-ebda relevanza fil-kaz stante li mghotija pendenti l-proceduri odjerni u ghalhekk wara l-kommissjoni tar-reati odjerni.

Illi l-istess ma jistax jinghad ghall-wiehed u ghoxrin imputazzjoni ghaliex din tirreferi biss ghal ksur ta' sentenza sospieza minghajr ma tispecifika d-data. Ghalhekk la darba hemm il-prova li fil-15 ta' Ottubru 2009 inghatat sentenza sospiza fil-konfront ta'l-imputat u li huwa ikkommetta r-reati odjerni fil-

[27] Dok 16 esebieta a fol 243.
[28] Dok 17 esebieta a fol 250.

perjodu operativ ta’ dik is-sentenza sospiza, allura l-wiehed u ghoxrin imputazzjoni tirrizulta sodisfacjentement pruvata.

Illi permezz tat-tnejn u ghoxrin imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li kkommetta reat waqt perjodu ta’ probation u liberta kondizzjonata[29]. Jibda biex jinghad f’dan ir-rigward li ma giet prezentata l-ebda sentenza permezz ta’ liema l-imputat instab hati ta’ xi reat u nghata liberta kundizzjonata; giet prezentata biss sentenza li biha l-imputat tpogga taht probation.

Illi ghandu jigi rilevat li l-Avukat Generali, fin-nota ta’ rinviju ghal gudizzju, ma kwotax l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446; dan huwa l-artikolu li jipprovdi ghas-sitwazzjoni meta persuna tikkommetti reat waqt il-perjodu ta’ probation.

Illi ghall-istess ragunijiet imsemmija aktar ‘l fuq f’din is-sentenza l-Qorti hija obbligata li tippronunzja ruhha biss fuq dawk ir-reati li jirrizultaw min-nota ta’ rinviju ghal gudizzju ta’l-Avukat Generali. La darba l-Avukat Generali m’addebietax lill-imputat b’l-imsemmi artikolu 23 tal-Kapitolu 446 il-Qorti jkollha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tnejn u ghoxrin imputazzjoni elenkata fic-citazzjoni.

Illi r-recidiva hija regolata permezz ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; fil-kaz in ezami, u minhabba li s-sentenza li fuqha hija bazata l-imputazzjoni hija sentenza sospieza[30], allura determinanti ukoll huma l-artikoli 28A(5A) u 28F tal-Kapitolu 9.

Illi l-artikolu 49 jistabilixxi meta persuna ghandha titqies recidiva u cioe jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b’sentenza li tkun saret definittiva,

[29] Ic-citazzjoni tirreferi ghall-*kundizzjonijiet imposti fuqu skond il-provedimenti ta' l-Artikoli 7 u 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta*.
[30] Il-Qorti ma tistax tiehu in konsiderazzjoni s-sentenza l-ohra peremzz ta’ liema l-imputat tpogga taht probation stante li din mhiex kundanna.

tagħmel reat ieħor. L-artikolu 50 imbaghad jistabilixxi li, skond ic-cirkostanzi hemm stabbiliti, il-piena mghotija fil-konfront ta'l-imputat recidiv tista tizdied bi grad. Dan l-artikolu 50 jipprovdi li:

> *Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin* ***minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena***[31]*, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.*

Illi ghalhekk biex imputat jigi kunsidrat recidiv ai fini ta' dan l-artikolu 50 l-imputat irid ikun skonta il-perjodu ta' prigunerija gia impost fuqu.

Illi l-artikolu 28(5A) jipprovdi li:

> *Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 28F il-piena mogħtija f'sentenza sospiża meta dik is-sentenza ma tkunx daħlet fis-seħħ għandha, għall-finijiet tal-artikolu 50, titqies li tkun ġiet skontata mal-iskadenza tal-perjodu operattiv...*

Illi l-artikolu 28F mbaghad jipprovdi hekk:

> *Meta l-qorti tkun qegħda tittratta ma' ħati dwar reat, li għalih hemm piena ta' priġunerija, li jkun sar fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża, hija għandha tqisu bħala reċidiv fit-tifsir ta'l-artikolu 49 sabiex tqis il-piena li jkun jistħoqq għal dak ir-reat lieħor, iżda l-piena mogħtija fis-sentenza sospiża ma għandhiex titqies għall-finijiet tal-*

[31] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.

> *artikolu 50* ***ħlief jekk dik is-sentenza tkun bdiet isseħħ u sakemm dik il-piena ma tkunx ġiet skontata jew maħfura***[32].

Illi ghalhekk sentenza sospieza ghandha titqies bhala kundanna ai fini ta'l-artikolu 49 pero ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni ai fini ta'l-artikolu 50 qabel l-iskadenza tal-perjodu operativ jew, jekk issir effettiva, meta tkun giet skontata.

Illi s-sentenza ta' disgha xhur prigunerija mghotija fil-konfront ta'l-imputat nhar il-15 ta' Ottubru 2009 kienet sospieza ghal perjodu ta' erbgha snin u mill-atti ma jidhirx li giet reza ezekuttiva. Ghalhekk meta l-imputat ikkommetta r-reati mertu tal-proceduri odjerni l-perjodu operativ ta' dik is-sentenza kien ghadu qed jiddekorri; konsegwentement dik s-sentenza ma tistax titqies ai fini ta'l-artikolu 50.

Illi fil-konfront ta'l-imputat gie kwotat ukoll l-artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Permezz tas-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2009 l-imputat instab hati ta' serq, llum huwa qed jinstab hati ta' serq ukoll.

Illi ghalhekk l-imputat ghandu jitqies recidiv ai termini ta'l-artikolu 49 u 289, pero mhux ta'l-artikoli 50.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni; bla dubbju l-ewwel konsiderazzjoni ghandha tkun ghan-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat. Fattur iehor li ghandu jassumi certa relevanza huwa l-fedina penali ta'l-imputat. Huwa diga nghata sentenza

[32] Sottolinear ta' din il-Qorti.

sospieza u probation; ma lahaqx ghada hafna zmien wara dawn is-sentenza li rega' kkommetta reati ohra; aktar minn hekk huwa ikkommetta r-reati odjerni f'perjodu ta' helsien mill-arrest. Dan kollu jwassal lill-Qorti ghall-konkluzzjoni li l-imputat ghadu ma tghallimx li l-Ligijiet u r-regoli qeghdin hemm biex jigu osservati u li minn ma josservahomx irid isoffri l-konsegwenzi. Il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni ukoll l-eta ta'l-iimputat.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li l-unika triq li ghandha hi li timponi piena karcerarja ghar-reati li taghhom qed jinstab hati llum, li ddahhal fis-sehh is-sentenza sospieza tal-15 ta' Ottubru 2009 u li tirrevoka d-degriet tal-15 ta' Dicembru 2009 permezz ta' liema l-imputat inghata l-helsien mil-arrest u konsegwentement tordna r-riarrest tieghu. Fic-cirkostanzi partikolari ta'l-imputat l-Qorti mhiex qed tilqa t-talba tal-prosekuzzjoni ghall-konfiska tal-garanzija personali imsemmija fid-degriet tal-15 ta' Dicembru 2009.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta'l-imputazzjonijiet numru dsatax, ghoxrin, u tnejn u ghoxrin hekk kif qed tastjeni milli tiehu milli tiehu konjizzjoni tar-reat prospettat f'l-artikolu 287 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tat-tielet imputazzjoni; u fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet numru erbgha, hamsa, sebgha, tmienja, disgha, hdax u tmintax u tillibarah minnhom; wara li rat l-artikoli 28A, 28B, 41(1)(a), 48A, 49, 86, 87(1)(g), 204C, 214, 215, 221, 261(f), 270, 284, 289, 338(dd) u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu b'dan li fir-rigward tat-tielet imputazzjoni qed jinstab hati ta' attentat ta' serq semplici u **tikkundannah tmienja u ghoxrin (28) xahar prigunerija,** b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28B ta'l-istess Kapitolu 9 qed tordna li **s-sentenza ta' disgha xhur prigunerija mghotija fil-15 ta' Ottubru 2009 ghandha tidhol fis-sehh,** u qed tilqa t-talba tal-prosekuzzjoni u **tirrevoka d-degriet mghoti fil-15 ta' Dicembru 2009 permezz ta' liema l-imputat inghata l-helsien mill-arrest u konsegwentement tordna r-riarrest ta'l-imputat;** b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex **ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' tmienja u tlettin euro (€38)** rapprezentanti spejjez rinkorsi

mal-hatra ta’ esperti. In oltre u b’applikazzjoni tal-artikoli 382A u 412C tal-Kapitolu 9 biex tipprovdi għas-sigurtà ta’ Omissis u ghaz-zamma ta’l-ordni pubblika qed tpoggi lill-imputat taht **ordni ta’ trazzin bil-kundizzjonijiet elenkati f’l-ordni mghoti kontestwalment u dan ghall-perjodu ta’ tlett (3) snin**.

In konkluzzjoni l-Qorti qed tordna id-**divjet mill-publikazzjoni ta’ isem Omissis** f’kwalunkwe mezz ta’ komunikazzjoni u/jew stampa.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------